# It-Tieni Ħadd ta' l-Avvent

## Qari I

*Jiġġudika l-imsejknin skond il-ġustizzja.*

Is 11, 1-10

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

1 Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse,
għad tinbet rimja minn għeruqu:
2 fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej,
l-ispirtu ta' l-għerf u d-dehen,
l-ispirtu ta' l-għaqal u l-qawwa,
l-ispirtu ta' l-għerf u l-biża' tal-Mulej,
3 u l-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej.

Ma jiġġudikax skond ma jidher fl-għajnejn,
u ma jagħtix sentenza skond ma jisma',
4 iżda jiġġudika l-imsejknin skond il-ġustizzja,
u jagħti sentenza skond is-sewwa lill-fqajrin ta' l-art.
Isawwat il-kiefra bix-xettru ta' fommu,
u b'nifs xufftejh joqtol lill-ħażin.
5 Il-ħżiem ta' ġenbejh tkun il-ġustizzja,
u l-fedeltà l-ħżiem ta' qaddu.

6 Il-lupu jibda jgħix mal-ħaruf,
il-leopard mal-gidi,
u jirgħu flimkien l-għoġol u ferħ l-iljun,
daqsxejn ta' tfajjel isuqhom.
7 Il-baqra u l-ors jirgħu flimkien,
u l-frieħ tagħhom flimkien jistrieħu.

L-iljun bħall-gendus jiekol it-tiben.
8 It-tarbija tal-ħalib titliegħeb fil-ħofra tas-serp;
u t-tifel miftum idaħħal idu fil-bejta tal-lifgħa.
9 Ma jagħmlux aktar deni u anqas ħsara
fuq il-muntanja qaddisa kollha tiegħi,
għax mimlija hi l-art bl-għarfien tal-Mulej
bħalma l-baħar hu miksi bl-ilmijiet.

10 Imbagħad jiġri f'dak il-jum
li l-għerq ta' Ġesse jieqaf
bħala sinjal għall-popli.
Lilu jfittxu l-ġnus,
u l-għamara tiegħu tkun imsebbħa.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 71 (72), 1.7-8.12-13.17

R/. (7): Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja

[1]O Alla, agħti lis-sultan il-ħaqq tiegħek,
il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan,
[2]biex jiġġudika l-poplu tiegħek bil-ġustizzja,
u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek. R/.

[7]Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja,
u sliem kotran sa ma jintemm il-qamar.
[8]Isaltan minn baħar sa baħar,
u mix-xmara sa truf l-art. R/.

[12]Għax hu jeħles lill-fqir li jsejjaħlu,
u lill-imsejken li m'għandux min jgħinu.
[13]Iħenn għad-dgħajjef u għall-fqajjar;
il-ħajja tal-fqajrin isalva. R/.

[17]Ismu jibqa' jissemma għal dejjem;
idum ismu sakemm iddum ix-xemx!
Bih jitbierku l-ġnus kollha ta' l-art;
il-popli kollha jsejħulu hieni. R/.

# Qari II

*Kristu jsalva l-bnedmin kollha.*

Rum 15, 4-9

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [4]kull ma nkiteb fl-Iskrittura fl-imgħoddi, inkiteb għat-tagħlim
tagħna, biex bis-sabar u bil-faraġ li tagħtina l-Iskrittura, aħna jkollna
t-tama.

[5]Alla, li minnu ġej kull sabar u faraġ, jagħtikom il-grazzja li tkunu
fehma waħda bejnietkom skond Kristu Ġesù, [6]biex b'fomm wieħed
u b'qalb waħda tfaħħru lil Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu.

[7]Għalhekk ilqgħu lil xulxin bħalma Kristu wkoll laqa' lilkom,
għall-glorja ta' Alla. [8]Jiena ngħidilkom li Kristu sar qaddej
tal-Lhud ċirkonċiżi minħabba l-fedeltà ta' Alla, biex iseħħu
l-wegħdiet li għamel lill-Patrijarki, [9]u biex il-pagani wkoll ifaħħru
lil Alla minħabba l-ħniena tiegħu bħalma hu miktub: «Għalhekk jiena
nfaħħrek fost il-ġnus u ngħanni tifħir ismek.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lq 3, 4.6

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ħejju t-triq tal-Mulej,
iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu.
Il-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta'Alla.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Indmu għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet.*

Mt 3, 1-12

## Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

1F’dawk il-jiem, deher Ġwanni l-Battista jippriedka fid-deżert
tal-Lhudija 2u jgħid: «Indmu, għax is-saltna tas-smewwiet waslet.»
3Għax għalih kien ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal:
«Leħen ta’ wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej,
iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu.»

4Dan Ġwanni kellu fuqu libsa tax-xagħar tal-ġemel, bi ħżiem
tal-ġild madwar qaddu, u l-ikel tiegħu kien ġradijiet u għasel
selvaġġ. 5U kienet tmur għandu Ġerusalemm u l-Lhudija kollha u
l-inħawi kollha ta’ madwar il-Ġordan, 6u kienu jitgħammdu minnu
fix-xmara Ġordan huma u jistqarru dnubiethom.

7Kif ra bosta mill-Fariżej u mis-Sadduċej ġejjin għall-magħmudija
tiegħu, qalilhom: «Ja nisel il-lifgħat, min uriekom kif għandkom
taħarbu mill-korla li ġejja? 8Agħmlu mela frott xieraq ta’ l-indiema,
9u taħsbux li tistgħu tgħidu fikom infuskom: “Għandna b’missier lil
Abraham.” Ngħidilkom li Alla, minn dan l-istess ġebel, jista’ jqajjem
ulied lil Abraham. 10Il-mannara ġa tressqet ma’ għerq is-siġra; u
għalhekk, kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet
fin-nar. 11Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma għall-indiema;
imma min ġej warajja hu aqwa minni, u jien ma jistħoqqlix inġorr
il-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar.
12Il-midra qiegħda f’idu, biex iderri l-qiegħa tiegħu u jiġbor il-qamħ
fil-maħżen, imma t-tiben jaħarqu b’nar li ma jintefiex.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu